# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1162/10/1 JA**

**George Bonello**

**v.**

**Saviour Bonello u Joseph Bonello**

Preliminari:

1. Il-kontendenti huma aħwa. L-attur spjega li hu u ħutu l-konvenuti għandhom bejniethom bi qbiela numru ta' għelieqi, kif ukoll razzett/ *agricultural stores* u numru ta' mqajjel. Permezz ta' din il-kawża talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tordna d-diviżjoni tal-imsemmija proprjeta` fi kwoti ugwali.

2. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Jannar, 2017, ordnat li ssir il-qasma tal-artijiet indikati fid-dokument RM3 u kif indikat a fol 307, kif ukoll l-istrutturi kif imsemmi fid-dokument RM4 u a fol 333; b'dan li l-konvenuti jħallsu lill-attur €2,500 kull wieħed f'ekwiparazzjoni. Bl-ispejjeż jitħallsu terz kull wieħed.

3. Kemm l-attur u kif ukoll il-konvenuti ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni u talbu r-riforma tagħha:

(i) **Il-konvenuti** talbu lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata biss fuq tal-art imsejħa "Ta' Bajtra" u fejn ċaħdet it-talbiet fuq il-qasma tal-artijiet in mera tolleranza u tirrevoka kull ordni għall-qsim tal-artijiet indikati ukoll ta' diviżjoni ta' kmamar u ambjenti (*sic*). Bl-ispejjeż kontra l-attur;

(ii) **L-attur** talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn ġie ordnat li ssir il-qasma tal-artijiet u tal-istrutturi kif imsemmija, u tħassarha in kwantu ma ntlaqgħux it-talbiet tiegħu fil-konfront tar-raba' l-ieħor miżmum mill-kontendenti b'tolleranza, u biex minflok tilqa' t-talba tiegħu fil-konfront tagħhom ukoll. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell qed jiġu riprodotti l-partijiet

rilevanti mis-sentenza appellata:

"**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur fl-10 ta' Novembru 2010 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-kontendenti nkluż l-esponent ilhom jaħdmu u jiddetjenu b'titolu ta' qbiela bejniethom is-segwenti porzjonijiet ta' art fuq l-art magħrufa ta' San Ġwakkin, Mrieħel kif jirriżulta mill-ktieb tar-raba' maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura fuq isem il-kontendenti (Dok 'GB1'), u ċjoe':

"(a) l-għalqa (ID tal-għalqa QRM0 5071 00041) hekk kif definita mil-pjanta tal-Għammieri annessa u mmarkata bħala Dok 'GB2';

(b) l-għalqa (ID tal-għalqa QRM0 5071 00119) hekk kif definita mill-pjanta tal-Għammieri annessa u mmarkata bħala Dok 'GB3';

(c) l-għalqa (ID.tal-għalqa QRM0 5071 00364) hekk kif definita mill-pjanta tal-Għammieri annessa u mmarkata bħala Dok 'GB4';

(d) l-għalqa (ID tal-għalqa QRM0 5071 00363) hekk kif definita mill-pjanta tal-Għammieri annessa u mmarkata bħala Dok 'GB5';

(e) l-għalqa (ID tal-għalqa QRM0 5071 00365) hekk kif definita mill-Pjanta tal-Għammieri annessa u mmarkata bħala Dok 'GB6';

(f) l-għalqa (ID tal-għalqa QRM0 5071 00042) hekk kif definita mill-Pjanta tal-Għammieri annessa u mmarkata bħala Dok 'GB7';

(g) l-għalqa (ID tal-għalqa QRM0 5071 00043) hekk kif definita mill-Pjanta tal-Għammieri annessa u mmarkata bħala Dok 'GB8';

(h) l-għalqa (ID tal-għalqa QRM0 5071 00362) hekk kif definita mill-Pjanta tal-Għammieri annessa u mmarkata bħala Dok 'GB9'".

Illi l-esponent flimkien mal-konvenuti ilu jaħdem u jieħu ħsieb din ir-raba', *in solidum* flimkien ma' ħutu l-konvenuti għal diversi snin wara li miet missierhom;

Illi l-esponent flimkien mal-konvenuti ilu jiddetjeni b'titolu ta' qbiela wkoll għal diversi snin wara li miet missierhom, razzett / *agricultural stores* u numru ta' mqajjel in solidum ma' ħutu hekk kif immarkati bl-ittra 'X' u ċirku aħmar fuq Dok 'GB8' kif ukoll garaxx li jinsab immarkat bl-ittra 'Y' fuq Dok 'GB9';

Illi l-kontendenti qatt ma għamlu qasma formali tal-porzjonijiet u pertinenzi hawn fuq imsemmija tant li kwalsiasi spejjeż relattivi kienu jinqasmu bejn it-tlett kontendenti qabel ma nqalgħu numru ta' kwistjonijiet, fosthom incidenti ta' drittijiet pretiżi, eżerċitati mill-intimati li minhabba fihom, m'għadux aktar possibbli għall-kontendenti li jaħdmu dawn l-għelieqi flimkien;

Illi minkejja li saru sforzi sabiex ikun hemm qbil għal tali diviżjoni bejn il-kontendenti, ma ntlaħaq l-ebda ftehim, anzi r-rikorrent qed jispiċċa vittma tal-intimidazzjonijiet tal-konvenuti li qegħdin saħansitra jċaħħdulu l-aċċess u l-godiment liberu ta' dak li hu sehmu mill-istess art, b'mod partikolari l-aċċess għar-razzett u l-ilma li jintuża għall-irrigazzjoni.

Kien għalhekk ukoll li kellha tinfetaħ din il-kawża stante li r-rikorrent ma jistax jibqa' aktar f'sitwazzjoni fejn huwa mhux qed jitħalla jeżerċita d-drittijiet tiegħu fuq sehmu minn tali art.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onorevoli Qorti m'għandhiex dikjarazzjoni li prevja kull hija meħtieġa skond il-liġi:

1. Tordna l-qasma tal-għelieqi bin-numru ta' ID, QRM0 5071 00041, QRM0 5071 00119, QRM0 5071 00364, QRM0 5071 00363, QRM0 5071 00365, QRM0 5071 00042, QRM0 5071 00043 u QRM0 5071 00362 u l-qbiela relattiva għalihom, bejn il-kontendenti fi tlett kwoti u f'porzjonijiet ugwali;

2. Tordna li r-razzett / agricultural stores, l-imqajjel u l-garaxx imsemmija jinqasmu bejn il-kontendenti fi kwoti u f'porzjonijiet ugwali b'tali mod li kull kontendent jingħata aċċess separat għal kull biċċa li tingħata lil kull wieħed minnhom, filwaqt li jibqa' jkun hemm aċċess u tgawdija in komuni għall-bir u l-kamra tiegħu li hemm preżenti fuq din l-art li jinsab immarkat bl-aħmar fuq Dok 'GB6' sabiex b'hekk kulħadd ikun jista' jgawdi b'mod inostakolat, dik il-parti tal-art li tiġi assenjata lilu.

3. Tinnomina, jekk ikun hemm bżonn, perit tekniku għall-finijiet ta' diviżjoni tal-egħlieqi in kwistjoni hawn fuq imsemmija li jinsabu fuq l-art magħrufa bħala 'Ta' San Ġwakkin', Mrieħel.

4. Tinnomina nutar u kuratur għall-eventwali kontumaċi sabiex jiġi ppublikat l-att relattiv ta' tali diviżjoni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti minn issa nġunti in subizzjoni. Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fis-16 ta' Diċembru 2010 li permezz tagħha eċċepew:

> "1. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-partijiet m'għandhomx komuni bejniethom ħlief għalqa waħda u ċjoe' dik indikata bid-dokument 'GB2' li l-partijiet isejħilha l-għalqa Ta' Bajtra. Fit-tieni lok, il-qbiela tar-rimanenti qegħda fuq Maria Concetta Bonello l-omm u armla ta' George Bonello u l-maġġorparti qegħda b'sempliċi tolleranza mingħand il-familja tal-President Emeritus J. J. Cremona jew membri tal-familja tiegħu.
>
> 2. Illi rigward l-unika għalqa illi hemm bejn il-partijiet hija dik

imsejħa Ta' Bajtra u illi s-sid huwa l-Joint Office illi ma setax tiġi kostrett illi jirrikonoxxi individwalment u jaqsam il-qbiela fi tlett partijiet u għalhekk it-talbiet, anke f'dan ir-rigward, huma kontra l-liġi.

Salvi eċċezzjonijiet oħra."

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi d-dokumenti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat ir-rapport peritali redatt mill-Perit Robert Musumeci (fol 299) kif ukoll tar-rapport ulterjuri (fol 378), nominat mill-istess Qorti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum 11 ta' Jannar 2017.

**Ikkunsidrat:**

**Talbiet**

Illi din hija kawża għal diviżjoni ta' porzjonijiet art – inkluż ukoll razzett / agricultural store u mqajjel (kif immarkati bl-ittra 'X' u ċirku aħmar fuq Dok 'GB8' u garaxx (li jinsab immarkat bl-ittra 'Y' fuq Dok 'GB9' – fuq art magħrufa ta' San Ġwakkin, Mrieħel li skont kif jirriżulta mill-ktieb tar-raba' mid-Dipartiment tal-Agrikoltura huma fuq isem il-kontendenti (Dok 'GB1' fol 6 kif spjegati aħjar fil-Pjanti tal-Għammieri (Dok 'GB2-GB9' fol 8-15).

Illi in sostenn tat-teżi tiegħu l-attur esebixxa l-ktieb tar-raba' maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura u l-Pjanti tal-Għammieri hawn fuq elenkati; affidavit tiegħu (fol 26), rapport tal-Perit Alan Saliba (fol 77), affidavit ta' martu Jane Bonello (fol 84), affidavit ta' ibnu Kevin Bonello (fol 89), u affidavit ta' Eric Bonello (fol 91).

Xehdu wkoll viva voce Supretendent Lawrence Cutajar li esebixxa ukoll kopji ta' tmien rapporti (fol 99-122), Owen Bonello (fol 123), il-Prim Imħallef Emeritus Professur J.J. Cremona (fol 144), in-Nutar Adriana Vella (fol 153), A.I.C. Alan Saliba (fol 156), Filippo sive Pino Pulis (fol 159), Maryanne Bonello (fol 167), Connie Azzopardi (fol 196), Melvyn Bonello (fol 210), Connie Bonello (fol 203), Simone Bonello (fol 216), Vincent Gilson (fol 244), Kevin Bonello (fol 247) li xehed ukoll in kontro-eżami (fol 385), Eric Bonello (fol 252) li xehed in kontro-eżami (fol 388), Jane Bonello (fol 256) li xehdet in kontro-eżami (fol 392).

Illi xehed ukoll Joseph Borg mid-Dipartiment tal-Agrikoltura (fol 373).

**Eċċezzjonijiet**

Illi in suċċint il-konvenuti eċċepew illi mill-art mertu tal-kawża odjerna, art waħda biss hija tal-kontendenti u ċjoe' dik imsejħa ta' Bajtra – ir-rimanenti art qiegħda b'mera tolleranza għand Concetta Bonello. Da parti tagħhom

il-konvenuti esebew l-affidavits tal-konvenut Joseph Bonello (fol 346) u affidavit ulterjuri (fol 354), tal-konvenut l-ieħor Saviour Bonello (fol 347), xehed in kontro-eżami (fol 365), affidavit ta' Maria Concetta Bonello (fol 348), li xehdet ukoll in kontro-eżami (fol 376).

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi n-natura tal-azzjoni odjerna hija waħda ċara, u b'talba għal diviżjoni. Il-kontestazzjoni hija jekk din it-talba għal diviżjoni hijiex legalment permessibbli. Ħareġ ċar mill-provi (speċjalment minn dik tal-Prim Imħallef Emeritus J.J. Cremona, li huwa sid tal-parti kbira tal-istess art), illi appuntu l-maġġoranza tal-art indikata mill-attur ingħatat b'mera tolleranza lill-antenati tal-kontendenti.

*…omissis….*

Illi rriżulta għalhekk mill-provi in atti illi l-firma ta' omm il-kontendenti fuq id-dokument maħruġ mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent huwa biss rikonoxximent illi uliedha jaħdmu l-art mertu tal-kawża. Bl-ebda mod ma ssegwi s-sottomissjoni tal-attur illi b'hekk il-kontendenti għandhom xi titolu validu skont il-liġi fuq l-istess art. Il-Professur J.J. Cremona f'isem is-sidien tal-art irribadixxa kemm-il darba l-fatt li l-konċessjoni li ngħatat lill-antenati tal-kontendenti kienet b'mera tolleranza, u ċjoe' titolu prekarju.

In vista tas-suespost mhumiex applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-liġi ċitati mill-atturi (u ċjoe' l-artikolu 489 et set. tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) għal din l-art (għajr għal porzjon art msemmija aktar 'l isfel) stante l-fatt illi s-sidien tal-art mertu tal-kawża odjerna qatt ma taw x'jifhmu illi jridu jaqsmu l-proprjeta' għaliex kulma ġie konċess kien mera tolleranza u ma taw l-ebda titolu ta' proprjeta' la lil missier il-kontendenti u lanqas lil ommhom illi preżentament hija rikonoxxuta limitatament b'titolu prekarju ta' mera tolleranza.

Inoltre kif ġie ben rilevat fin-nota responsiva tal-konvenuta (fol 421):

> *"Jekk wieħed jaraha mill-aspett ta' pussess, illi ma japplikawx għaliha r-regoli tad-diviżjoni tal-proprjeta', isib fl-Artikolu 526, tal-Kodiċi Ċivili, fejn jgħid illi 'atti illi huma merament fakultattivi jew ta' mera tolleranza ma jistgħux lanqas jistabbilixxu l-pussess.' Konsegwentement, kemm taħt l-aspett ta' proprjeta' u kemm taħt l-aspett ta' pussess, l-azzjoni ma tistax tirnexxi."*

Iżda s-sitwazzjoni hija kemmxejn differenti għal dak li jirrigwardja l-art magħrufa bħala Ta' Bajtra fejn hemm qbil illi hemm kirja indiviża bejn il-kontendenti. Jirriżulta għalhekk illi għalhekk din l-art tista' tiġi maqsuma fi tlett kwoti separati għall-istess użu tal-istess u dana mingħajr ma jbiddel pero' l-obbligi solidali tal-kontendenti versu s-sid oriġinali.

*…omissis…*

Illi jidher illi hemm qbil bejn il-kontendenti illi jibqa' jkun hemm aċċess u tgawdija in komuni għall-bir u l-kamra tiegħu li hemm preżenti fuq din l-art.

**Illi għalhekk hija din l-art biss u l-art li kienet mikrija lill-omm il-partijiet (li issa daret fuqhom kif irriżulta mill-provi) li għandha tinqasam bejn il-partijiet u dan kif indikat a fol 307 mil-Perit Tekniku l-A.I.C. Robert Musumeci. Għandhom ukoll jiġu assenjati l-istrutturi, kif indikati mill-istess perit a fol 333 u li in vista tal-valutazzjonijiet imsemmija fir-rapport il-konvenuti għandhom iħallsu €2,500 kull wieħed lill-attur bħala ekwiparazzjoni.**

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tordna li ssir il-qasma tal-artijiet indikati fid-dokument 'RM3' u kif indikat a fol 307 imsemmija, kif ukoll l-strutturi kif imsemmi fid-dokument 'RM4' u a fol 333 tal-proċess; b'dan li l-konvenuti għandhom iħallsu €2,500 kull wieħed lill-attur. Tinnomina lin-Nutar Annalise Micallef biex tippublika l-att relattiv, u lill-Avukat Norma Vella Bardun bħala kuratur biex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-att imsemmi li għandu jiġi ppubblikat f'jum, ħin u lok indikat minn din il-Qorti stess fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet jew mill-istess Nutar nominand.**

**L-ispejjeż tal-kawża jinqasmu bejn il-partijiet fi kwoti ndaqs, terz kull wieħed.**"

<u>**Rikors tal-appell tal-konvenuti (30.01.2017):**</u>

5. Il-konvenuti bażikament jargumentaw illi l-ewwel Qorti setgħet tordna biss id-diviżjoni tal-art magħrufa bħala "Ta' Bajtra", li fuqha jirriżulta li hemm qbiela bejn it-tliet kontendenti. Jargumentaw li l-ewwel Qorti ma setgħetx tordna d-diviżjoni tal-proprjeta` li (skont huma) qiegħda b'tolleranza għand ommhom, u tal-art li l-qbiela tagħha għadha (skont huma) fuq ommhom ukoll. Isostnu li hija biss l-art "Ta' Bajtra" li ġie ppruvat li l-qbiela tagħha daret fuqhom u li għalhekk tista' tinqasam bejniethom, salv jekk dan hux permess mill-Uffiċċju Konġunt li hu s-sid.

Jilmentaw ukoll mill-fatt li l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjeż kellhom jinqasmu ugwalment bejn kull wieħed mill-partijiet, ċioe` terz kull wieħed.

**Risposta tal-appell tal-attur appellat (17.02.2017):**

6. L-attur appellat fir-risposta tal-appell tiegħu wieġeb biex jgħid li kienet korretta l-ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha li taqsam u tassenja l-ambjenti kif minnha magħmul u għalhekk issottometta li l-appell tal-konvenuti għandu jiġi miċħud, b'dan pero` li din il-Qorti għandha tvarja s-sentenza kif ser jiġi spjegat fl-appell inċidentali tiegħu.

**Appell Inċidentali tal-attur appellat (17.02.2017):**

7. Fl-appell inċidentali tiegħu l-attur talab lil din il-Qorti tordna d-diviżjoni tal-proprjeta` kollha mertu tal-kawża. Ifakkar li l-Artikolu 489 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li hemm il-komunjoni tal-beni meta l-proprjeta` tal-istess ħaġa waħda, jew tal-istess jedd wieħed, hija ta' żewġ persuni jew iżjed *pro indiviso.* Jargumenta li huwa, bħala persuna li għandha l-jedd li tiddetjeni u taħdem ir-raba' u l-pertinenzi tiegħu flimkien mal-konvenuti, anke jekk imqar bi titolu prekarju, għandu dritt li jitlob il-qasma ta' dan il-jedd, u dan tal-anqas vis-à-vis il-konvenuti jekk mhux vis-à-vis is-sidien tal-għelieqi.

**<u>Risposta tal-konvenuti għall-appell inċidentali (10.04.2017):</u>**

8. Il-konvenuti wieġbu biex jgħidu li l-appell inċidentali tal-attur għandu jiġi miċħud. *Inter alia* jsaqsu: minn meta titolu ta' mera tolleranza favur persuna jsir jedd ta' binha, u jkollu dritt jitlob il-qasma tiegħu?

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET:</u>**

**<u>Il-proprjeta` in kwistjoni u l-provi dwar it-titolu (*o meno*) li għandhom il-kontendenti fuqha:</u>**

9. Fir-rikors ġuramentat tiegħu tal-10 ta' Novembru, 2010, l-attur George Bonello ppremetta li l-proprjeta` fl-Imrieħel li tagħha kien qed jitlob id-diviżjoni (ċioe` tmin għelieqi, kif ukoll razzett/*agricultural stores*, numru ta' mqajjel u garaxx) kienet kollha kemm hi detenuta *in solidum* minnu u minn ħutu l-konvenuti <u>b'titolu ta' qbiela</u>.

10. Fix-xhieda tiegħu tas-17 ta' Jannar, 2012[1], il-Prim Imħallef Emeritus JJ Cremona spjega li l-art fl-Imrieħel tappartjeni lil uliedu (li wirtu lil ommhom) u lil oħrajn. Spjega li lura fl-1976 kienet saret skrittura li permezz tagħha l-art ingħatat b'<u>mera tolleranza</u> lil Carmela, armla ta' GioMaria Bonello, u lil uliedha George u Gioacchino Bonello (Carmela,

[1] Fol 144 et seq

George u Gioacchino jiġu n-nanna, missier u ziju tal-kontendenti rispettivament). Kompla jgħid li mbagħad fl-2000 kienet saret skrittura oħra ma' George u Gioacchino biss, għax kienet mietet Carmela.

11. Fil-fatt il-konvenuti appellanti fir-risposta tagħhom għall-appell inċidentali tal-attur George Bonello esebew kopja tal-imsemmija skitturi[2] (jiġi osservat li l-ewwel waħda saret fl-1972 u mhux fl-1976).

(i) Skrittura tad-9 ta' Mejju, 1972, bejn in-Nobbli Markiża Beatrice Cremona Barbaro, mart il-Prof. JJ Cremona, u oħrajn, ilkoll komproprjetarji tat-territorju bir-razzett ta' San Gwakkin, fil-limiti ta' Ħal Qormi, kuntrada tal-Imrieħel tal-kapaċita` ta' 29 tomna, 5 sigħan u 5 kejliet u Carmela armla minn GioMaria Bonello, u wliedha George u Gioacchino aħwa Bonello fejn ġie miftiehem hekk:

> *"1. L-imsemmijin Bonello jirrikonoxxu li minn mindu skadiet l-enfitewsi temporanja tal-imsemmi territorju bir-razzett konċessa lil Maria Bonello fl-atti tan-Nutar Dottor Giovanni Chapelle tat-2 ta' April 1932, huma qegħdin jiddetjenu l-imsemmi territorju bir-razzett mingħajr ebda titolu, u jobbligaw ruħhom li jiżgombraw mill-imsemmi territorju bir-razzett u kumditajiet oħra malli jiġu hekk mitluba mill-imsemmija aħwa Barbaro jew min minnhom, u sakemm jiġu hekk mitluba, l-imsemmijin Bonello jistgħu jibqgħu jiddetjenu kif hawn fuq ingħad mingħajr ma jħallsu ebda kumpens ta' kwalunkwe xorta lill-imsemmijin aħwa Barbaro.*
>
> *2. L-imsemmijin Bonello ma jkollhomx dritt għall-ebda kumpens relattivament għall-benefikati u uċuħ tar-raba li jista' jkollhom fil-mument li jiġu mitluba joħorġu, salvi li jiħallew jiġbru l-uċuħ li jkun hemm f' dak il-mument, liema ġbir ma jkunx jista' qatt jeċċedi sitt xhur minn mindu jkunu ġew mitluba joħorġu."*

[2] Fol 462-464

(ii) Skrittura tat-8 ta' Frar, 2000, li saret minn Gioacchino Bonello, fejn iddikjara:

> *"Jiena Gioacchino Bonello, bin il-mejtin GioMaria u Carmela Bonello, niddikjara għalija u għal hija George (li qiegħed hawn ħdejja jawtorizzani imma li ma jafx jikteb) li aħna t-tnejn biss qegħdin niddetjenu ossija għandna f' idejna r-raba ta' San Ġwakkin limiti ta' Ħal Qormi bir-razzett miegħu, proprjeta` tal-eredi tal-Markiż Anthony Barbaro u dan skont il-kitba tagħna magħhom (hawn mehmuża) tad-9 ta' Mejju 1972, li nikkonfermaw.*
>
> *Billi aħna Gioacchino u George aħwa Bonello qegħdin issa ninfurmaw lis-sidien illi, minħabba l-eta' aħna qegħdin issa naħdmu l-art anki bl-għajnuna ta' xi oħrajn, jiena Gioacchino Bonello għaliha u għal ħija George (li qiegħed hawn ħdejja jawtorizzani imma li ma jafx jikteb) nikkonferma u jibqa' miftiehem li s-sidien għandhom relazzjoni ossija għandhom x' jaqsmu in bażi għall-imsemmija kitba magħna t-tnejn Gioacchino u George aħwa Bonello biss, li nibqgħu responsabbli lejhom kull min indaħħlu biex jgħinna."*

12. Mistoqsi jekk jiftakarx li fl-2006 meta miet George Bonello kienx mar għandu ibnu l-attur George Bonello u qallu li kien hemm ħafna ħsara fl-għelieqi u li kienu ser jieħdu ħsieb kollox hu u ħutu Joseph u Silvio Bonello, il-Prim Imħallef Emeritus Prof. JJ Cremona wieġeb li ma jiftakarx. Huwa enfasizza l-eżistenza tal-iskritturi u li l-art qiegħda detenuta b'mera tolleranza.

13. Jirriżulta li fil-15 ta' Diċembru, 2006, omm il-kontendenti għamlet dikjarazzjoni mad-Dipartiment tal-Agrikoltura[3] fejn iddikjarat li kienet qed

[3] Fol 372, ara ukoll Dok GB1 a fol 6-7 (u wkoll 187 u tergo) konsistenti f' kopja tal-biljett intitolat **Biljett tar-Reġistrazzjoni tal-Biedja** (*part-time*), maħruġ fl-istess data mid-Dipartiment tal-Agrikoltura u li fuqu hemm indikat li l-biljett jgħajjat lil "**Bonello, George & Bros**" fir-rigward ta' art li tkejjel total ta' **19.3.5.**

tgħaddi tmien biċċiet raba' għal fuq uliedha l-kontendenti.

> *"Jien hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien qed ngħaddi r-raba magħruf taċ-Climp u Ta' San Żwakkin, Map 76, Plots 376, 336, 298, 291, 213, 213AP, 293, 289 u ta' kejl 19.3.5[4] lil uliedi George, Joseph, Saviour c/o Our Dream, Triq in-Nutar Zarb, Attard.*
>
> *Dan ir-raba huwa tiegħi/ bi qbiela mingħand Borg JJ Cremona."*

14. Fl-affidavit tagħha datat 26 ta' Ġunju, 2013[5], (affidavit ippreżentat mill-konvenuti) xehdet hekk fuq tmien biċċiet raba': qalet li tnejn minnhom huma tagħha personali, waħda hija mqabbla għandha mingħand ċertu Joe Borg li joqgħod l-Iklin, u ħames biċċiet oħra huma għandha b'tolleranza. (Għalkemm qalet li kienet qed tinnumerahom fuq il-pjanti li kienet qed tehmeż mal-affidavit, mal-affidavit fil-fatt ma ġew mehmuża l-ebda pjanti.). Spjegat li meta kien għadu ħaj żewġha l-familja tal-Professur JJ Cremona kienet ħallietu juża b'tolleranza tali biċċiet raba' kif ukoll kmamar tal-bhejjem u wkoll kmamar oħra li jintużaw għall-agrikoltura. Qalet li meta miet żewġha, il-Professur JJ Cremona ħalliha tużahom b'tolleranza. Kompliet hekk:

> *"Jiena ppruvajt illi nirranġa bejn it-tfal pero` qatt ma dawwart ir-raba illi hu fuq ismi fuq isimhom u ċertament ma stajtx inbiddel li dak li b'tolleranza tal-Profs, inklużi l-kmamar, naqsamhom bejniethom. Meta rajt li qed jinqala' l-inkwiet, jiena ridt li nibqa' nikkmanda jiena u dan speċjalment minħabba l-aġir ta' George Bonello li jaqla' l-kwistjonijiet ma' ħutu. Iż-żewġ ħutu l-oħra Saviour Bonello u Joseph Bonello, kif ngħidu, jġibu ruħhom ma' xulxin ta' aħwa.*
>
> *Għalhekk dak li hu tiegħi irridu li jibqa' tiegħi u dak illi hu b'mera tolleranza tal-Profs ċertament mhux se nħalli lil ħadd jikkmandani fuqu."*

---

[4] 19-il tomna, 3 sigħan u 5 kejliet jekwivalu għal **22,013.625mk**

[5] Fol 348

15. Fix-xhieda tagħha mogħtija fis-16 ta' Jannar, 2015[6], spjegat li d-dikjarazzjoni li kienet għamlet mad-Dipartiment tal-Agrikoltura kienet għamlitha sabiex it-tliet uliedha, li fil-fatt jaħdmu l-art, jieħdu s-sussidju.

> *"Jaħdmu t-tlieta, u jieħdu s-sussidju t-tlieta. Għal daqshekk għamiltha….l-għelieqi jaħdmuhom flimkien…..jaħdmu flimkien, mhux tnejn jaħdmu u wieħed ma jaħdimx…Jiena għandi kuntratt tas-sinjur li għamlu lir-raġel tiegħi li meta jkollu bżonnu javżani sitt xhur u jieħdu….ehe tal-Imħallef JJ Cremona…..Fuqi qiegħed il-VAT".*

Mistoqsija jekk għaddietx ir-raba' lit-tfal tagħha rrispondiet, "*le, le, le, le".*

16. Minkejja dak li tgħid fix-xhieda tagħha jibqa' l-fatt li d-dokument li ppreżentat mad-Dipartiment tal-Agrikoltura huwa <u>dikjarazzjoni li kienet qed tgħaddi t-tmien biċċiet raba' lit-tliet uliedha</u>. Għalkemm xehdet li d-dikjrarazzjoni għamlitha għall-finijiet tas-sussidju, id-dokument ma hux f'dan is-sens. Id-dokument huwa dikjarazzjoni li effettivament qed tgħaddi r-raba' lil uliedha, u l-biljett relattiv li jgħajjat lil "Bonello, George & Bros" u li nħareġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura fl-istess ġurnata, huwa prova li r-raba' fil-fatt tinħadem mill-kontendenti. Fil-fatt anke fix-xhieda tiegħu tad-29 ta' Ottubru, 2014[7], il-konvenut Saviour Bonello kkonferma li wara li miet il-missier l-artijiet inqalbu minn fuq ommhom għal fuqhom. Anke Connie Bonello, mart il-konvenut Joseph Bonello, fix-xhieda tagħha tal-5 ta' Marzu, 2012[8], mistoqsija jekk kinitx taf li l-omm kienet għaddiet l-

---

[6] Fol 376 et seq
[7] Fol 365 et seq
[8] Fol 203 et seq

artijiet kollha lill-kontendenti ukoll, irrispondiet "*Iva għamlu xi ħaġa";* ikkonfermat ukoll li l-aħwa kienu jagħmlu kollox bejniethom.

17. Jirriżulta illi fl-1 ta' Lulju, 2008, l-Uffiċċju Konġunt bagħat ittra[9] lill-konvenut Joseph Bonello fejn għarrfuh li l-Gvern ta' Malta kien qed jirrikonoxxi lilu flimkien ma' ħutu Saviour u George *(in solidum)* bħala l-gabillotti l-ġodda fuq l-għalqa magħrufa bħala "Ta' San Ġwakkin, Mrieħel", soġġetta għar-rata ta' qbiela ta' €9.32 fis-sena.

18. Jiġi osservat li għalkemm, kif ingħad, l-attur fir-rikors promutur tiegħu ppremetta li l-proprjeta` kollha mertu ta' din il-kawża hija detenuta minnu u minn ħutu l-konvenuti b'titolu ta' qbiela, huwa fis-26 ta' Marzu, 2012, (evidentement wara x-xhieda tal-Prof JJ Cremona) ippreżenta nota korrettiva[10] fejn spjega li bi żball kien ippremetta li t-tmien għelieqi huma detenuti b'titolu ta' qbiela u li fil-fatt huma żewġ għelieqi biss li huma detenuti b'titolu ta' qbiela minnu u minn ħutu l-konvenuti, u li l-għelieqi l-oħra qed jinħadmu minnu u minn ħutu b'mera tolleranza.

**Ir-rapport peritali u l-pjan tal-qasma:**

19. Il-perit tekniku Robert Musumeci fir-rapport peritali tiegħu ndika t-

[9] Fol 240
[10] Fol 186

tmien għelieqi (FC1 sa FC8[11]) fuq il-pjanta Dok RM2 (fol 317). Huwa ndika wkoll l-istrutturi (X1 sa X5) fuq tali pjanta.




20. Spjega li meta aċċeda fuq il-post il-kontendenti tawh is-segwenti informazzjoni fir-rigward tal-għelieqi:

**FC1** Art soġġetta għall-**qbiela** mill-Uffiċċju Konġunt *in solidum* bejn it-tlett kontendenti. [12]

---

[11] Total ta' 23,273 mk

[12] Jidher li din l-għalqa hija dik li għaliha tirreferi l-ittra tal-Uffiċċju Konġunt tal-1 ta' Lulju, 2008

**FC2** **Qbiela** fuq Concetta Bonello; il-partijiet ma jaqblux jekk it-titolu inqalibx fuqhom jew le. (Fil-fatt l-attur jgħid li l-qbiela nqalbet fuqhom u l-konvenuti jgħidu li mhux il-każ). [13]

**FC3** Proprjeta` tal-Onor. JJ Cremona; ma titħallas l-ebda qbiela fuqha; qiegħda b'tolleranza;

**FC4** (ma ntqal xejn)

**FC5** Tolleranza mill-Prof JJ Cremona;

**FC6** Proprjeta` tal-Onor. JJ Cremona; ma titħallas l-ebda qbiela fuqha;

**FC7** Proprjeta` soġġetta għat-tolleranza mill-Prof JJ Cremona;

**FC8** Proprjeta` tal-Onor JJ Cremona u ma titħallas l-ebda qbiela.

21. Fuq il-pjanta **Dok RM3**[14] il-perit tekniku ppropona kif għandhom jinqasmu l-għelieqi FC1 sa FC8. (l-ittra "**J**" tirreferi għall-konvenut Joseph,

[13] Fit-8 ta' Marzu, 2013, in segwitu għar-rapport tal-perit tekniku, l-attur ippreżenta nota u kopja tal-pjanta magħmula mill-perit tekniku (fol 292-293) fejn indika liema huma ż-żewġ għelieqi miżmuma mill-kontendenti b'titolu ta' qbiela. (Huwa ndikahom bħala dawk li ġew immarkati **FC1 u FC2** fuq il-pjanta tal-perit tekniku)
[14] Fol 318

l-ittra “**G**” għall-attur George u l-ittra “**S**” għall-konvenut Saviour, kif spjegat minnu a fol 307.)




22. Kwantu għall-istrutturi huwa vvalutahom hekk:

| | | |
|---|---|---|
| **X1** | Garaxx adjaċenti mal-porzjon FC8 | €45,000 |
| **X2** | Razzett viċin il-porzjon FC8 | €120,000 |
| **X3** | Ħamest imqajjel | €20,000 |
| **X4** | Kamra bil-bir viċin il-porzjon FC5 | €30,000 |

**X5** Il-ġiebja ma ħadhiex in konsiderazzjoni skont struzzjonijiet li ngħata mill-partijiet waqt l-aċċess.

23. Spjega li wara li ħa in konsiderazzjoni l-valur tal-imsemmija strutturi u wara li qies ukoll il-mod kif ippropona li l-artijiet jiġu diviżi bejn l-aħwa, ippropona qasma skont kif muri fil-pjanta RM3[15], u ċioe` li:

**X2** tiġi diviża f'żewġ partijiet billi jsiru interventi fil-ħitan kif muri f' Dok RM3 (fol 341) biex b'hekk il-valur taż-żewġt ikmamar ta' wara jammonta għal €50,000 u dak taż-żewġt ikmamar fuq quddiem jekwivali għal €70,000. L-istrutturi murija bl-isfar jibqħu komuni, dik murija bl-aħdar b'valur ta' €50,000 tgħaddi għand il-konvenut Joseph;

**X3** u **X4** (strutturi murija bil-blu) b'valur kumplessiv ta' €50,000 jgħaddu għand il-konvenut Salvu;

**X1** (struttura murija bl-aħmar) b'valur ta' €45,000 tgħaddi għand l-attur George.

24. Huwa spjega li l-valur apporzjonat lil George huwa ta' €5,000 anqas minn dak mgħoddi lil ħutu rispettivament.

[15] Fol 341 (li hija pjanta differenti mill-pjanta Dok RM3 a fol 318)

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

25. L-ewwel Qorti kkonkludiet li kienu biss iż-żewġ artijiet li qegħdin għand il-kontendenti bi qbiela li għandhom jiġu diviżi. Spjegat li dawn iż-żewġ artijiet kienu dik magħrufa "Ta' Bajtra" - evidentement qed tirreferi għal FC1; u l-oħra li kienet għand ommhom u li daret fuqhom - jidher li qed tirreferi għal FC2. (Għalkemm hemm nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti dwar jekk il-qbiela ta' din l-art FC2 daritx fuqhom, jidher li l-ewwel Qorti qagħdet fuq id-dikjarazzjoni li l-omm għamlet mad-Dipartiment tal-Agrikoltura għall-finijiet tas-sussidju, fejn qalet li t-tmien artijiet - u allura t-tnejn li kienu għandha bi qbiela u s-sitta l-oħra li kienu għandha b'tolleranza - kienet qed taqlibhom kollha fuq uliedha). Żiedet tgħid li l-istrutturi ukoll għandhom jinqasmu bejn il-kontendenti.

26. Fid-*decide* ordnat li ssir il-qasma tal-artijiet indikati fuq il-pjanta Dok RM3[16] (pjanta li fil-fatt turi qasma tal-għelieqi <u>kollha</u> u mhux ta' tnejn biss, għalhekk jekk ma jinqarax il-paragrafu preċedenti għall-paragrafu deċiżorju fil-fatt jinftiehem li qed tordna l-qasma tal-għelieqi kollha). Kwantu għall-istrutturi ordnat li dawn kellhom jinqasmu kif spjegat mill-perit tekniku fuq id-Dok RM4 kif muri mill-perit fir-rapport tiegħu (fol 333) b'dan li l-konvenuti għandhom iħallsu €2,500 kull wieħed bħala

[16] Dok RM3 a fol 318

ekwiparazzjoni lill-attur. Fil-fatt ma hemm l-ebda **Dok RM4** fl-atti – bilfors allura li l-ewwel Qorti kienet qed tirreferi għal **Dok RM3** li jinsab a fol 341, u li jissemma mill-perit tekniku a fol 332-333.

**<u>L-appell u l-appell inċidentali:</u>**

27. Il-konvenuti fl-appell tagħhom isostnu li s-sentenza għandha tiġi varjata fis-sens li għandha tiġi diviża biss dik l-art magħrufa bħala "Ta' Bajtra" (ċioe` dik indikata FC1 fuq il-pjanta tal-perit tekniku). L-attur min-naħa l-oħra, fl-appell inċidentali tiegħu, isostni li għandhom jiġu diviżi l-artijiet kollha (it-tmienja li huma) u l-istrutturi.

28. Kif fuq spjegat, skont l-iskrittura tal-1972 li saret mal-familjari tal-Prim Imħallef Emeritus JJ Cremona, jirriżulta li territorju fil-kuntrada tal-Imrieħel tal-kapaċita` ta' 29 tomna, 5 sigħan u 5 kejliet (ekwivalenti għal **33,629.325mk**) ingħatat b'mera tolleranza lil Carmela Bonello (in-nanna tal-kontendenti) u lil uliedha George u Giocchino (il-missier u z-ziju tal-kontendenti, rispettivament); u eventwalment bl-iskrittura tal-2000, wara li mietet Carmela Bonello, ġie ppreċiżat li d-detenzjoni b'tolleranza fuq l-art tapplika għall-aħwa George u Gioacchino biss.

29. It-tmien artijiet skont id-dikjarazzjoni li għamlet omm il-kontendenti mad-Dipartiment tal-Agrikoltura għandhom kejl kumplessiv ta' 19-il

tomna, tliet sigħan u ħames kejliet (ekwivalenti għal **22,013.625mk**) – figura li tqarreb lejn it-total tat-tmien artijiet in kwistjoni kif imkejla mill-perit tekniku ta' **23,273mk**.

30. Issa mill-provi prodotti jirriżulta li l-għalqa FC1 hija bi qbiela għand il-kontendenti. Dwar dan m'hemmx dubju, għaliex hemm l-ittra tal-Uffiċċju Konġunt li tgħid li qed tirrikonoxxi lit-tliet kontendenti bħala l-gabillotti fuqha, u hija l-unika art li t-tliet kontendenti lkoll jaqblu li qiegħda għandhom bi qbiela.

31. Kwantu għall-għalqa FC2, il-konvenuti jsostnu li qiegħda bi qbiela għand ommhom filwaqt li l-attur isostni li qiegħda bi qbiela għandhom it-tlieta. Din il-Qorti abbażi tad-dikjarazzjoni li għamlet ommhom mad-Dipartiment tal-Agrikoltura qed tqis (kif fil-att jidher li għamlet l-ewwel Qorti) li l-qbiela li t-tliet kontendenti qed jaqblu li kellha ommhom fuq tali art ġiet konċessa lilhom.

32. Kwantu għas-sitt artijiet l-oħra (FC3-FC8) kif ukoll l-istrutturi, jidher li dawn jinsabu fuq l-art konċessa b'tolleranza mill-familjari tal-Prim Imħallef Emeritus JJ Cremona lin-nanna tagħhom Carmela u lil missierhom George u zijuhom Gioacchino eventwalment ġew f'idejn il-kontendenti. Din il-Qorti qed tqis li hekk kif wara l-mewt ta' żewġha, omm il-kontendenti għaddiet it-tmien għelieqi għal fuq uliedha hekk ukoll kienet

qed iċċedi l-istrutturi; fil-fatt li hija stess xehdet li huma strutturi relatati mal-bhejjem u l-agrikoltura.

33. Minħabba disgwid serju li jeżisti bejn il-kontendenti, fejn l-attur jilmenta li qed jispiċċa vittma ta' intimidazzjonijiet u li qed jiġi miċħud milli jaċċedi u jgawdi is-sehem tiegħu fuq l-immobbli in kwistjoni, huwa rrikorra lejn il-Qorti sabiex it-tmien artijiet u strutturi jinqasmu bejniethom formalment b'ordni tagħha. Din il-Qorti ma tarax għaliex ma tistax issir tali qasma, u dan mhux biss fil-konfront tal-immobbli li fuqhom teżisti qbiela, iżda wkoll fuq l-immobbli li qegħdin għand il-kontendenti bit-tolleranza tas-sidien. Ovvjament din tkun qasma li jkollha effett bejn il-kontendenti biss, għall-finijiet tat-tgawdija tal-istess bejn il-partijiet, u mhux ukoll *vis-à-vis* is-sid, fejn id-drittijiet tiegħu jibqgħu impreġudikati. Il-qasma għalhekk tkun applikabbli biss diment li tkun għadha *in vigore* d-detenzjoni abbażi tal-qbiela u/jew tat-tolleranza, skont il-każ. Fin-nuqqas ta' tali qasma *sui generis* stabbilita b'ordni tal-Qorti, inkella jiġi li kulħadd jista' jaqbad jaħtaf dak li jidhirlu a skapitu tal-ieħor.

34. Għalhekk din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-konvenuti u tilqa' l-appell inċidentali tal-attur.

35. Il-qasma tat-tmien biċċiet art u tal-istrutturi mitluba mill-attur pero` għandha ssir bil-mod kif isegwi, u mhux kif ippropona l-perit fuq il-pjanta

a fol RM3 (fol 318). Dan qed jingħad għaliex:

(i) l-artijiet li qegħdin bi qbiela (FC1 u FC2) u dawk li qegħdin b'tolleranza (FC 3-8) għandu jkollhom pjanijiet ta' qasma separati minn xulxin; il-perit tekniku filwaqt li qasam l-art bi qbiela FC1 fi tliet biċċiet, ma qasamx ukoll l-art bi qbiela FC2 fi tliet biċċiet iżda inkorporaha fil-qasma tal-artijiet bit-tolleranza u assenjaha lil wieħed mill-partijiet biss. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan mhux ideali għaliex il-pussess ta' art b'titolu ta' qbiela huwa iktar sod mill-pussess ta' art bis-sempliċi tolleranza tas-sid u għalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-art FC2 għandha tinqasam bejn it-tliet aħwa sabiex fl-eventwalita` li s-sid ikun irid jieħu lura l-artijiet li qegħdin bit-tolleranza min ikun ħa l-art FC2 ma jkunx kiseb vantaġġ fuq ħaddieħor. Din il-Qorti, pero` għal dan il-għan, kienet kostretta li tibdel il-pjan tal-qasma li għamel il-perit tekniku anke fir-rigward tal-artijiet li qegħdin b'tolleranza);

(ii) m'għandux isir xogħol strutturali fil-bini ladarba s-sidien mhux parti fil-kawża; u

(iii) m'għandhiex titħallas ekwiparazzjoni fir-rigward tal-bini ladarba l-kontendenti għandhom biss użu u xejn iktar.

(iv) l-assenjazzjonijiet għandhom ikunu bix-xorti.

**a. Artijiet li qegħdin bi qbiela:**

FC1 Kejl ta' 5376mk.

Din għandha tinqasam bejn il-kontendenti bil-mod kif ippropona l-perit, ċioe`:

(1) 2052.66mk;

(2) 1715.66mk u

(3) 1607.67mk.

pero` l-assenjazzjoni għandha ssir bix-xorti.

FC2 Kejl ta' 1963mk.

Din ukoll għandha tinqasam bejn il-kontendenti, b'mod li kull wieħed jieħu ċirca 654.3mk u mhux tiġi assenjata kollha lill-attur kif ippropona l-perit.

L-assenjazzjoni ta' kull biċċa għandha ssir bix-xorti.

**b. Artijiet li qegħdin bit-tolleranza:**

FC3 <u>Kejl 5207mk</u>.

Din m'għandhiex tinqasam bejn tnejn, kif ippropona l-perit. Hija kbira biżżejjed biex tinqasam bejn it-tliet kontendenti b'mod li kull wieħed jieħu ċirca 1735mk.

L-assenjazzjoni ta' kull biċċa għandha ssir bix-xorti.

FC4 <u>Kejl 1508mk</u>

FC5 <u>Kejl 1759mk</u>

FC8 <u>Kejl 1254mk</u>

Dawn it-tliet biċċiet għandhom jiġu assenjati lit-tliet kontendenti bix-xorti u mhux kif ippropona l-perit.

FC6 <u>Kejl 4243mk</u>

Din għandha tinqasam bejn il-kontendenti bil-mod kif ippropona l-perit, ċioe` b'mod li kull wieħed mill-kontendenti jieħu 1414.33mk.

L-assenjazzjoni ta' kull biċċa għandha ssir bix-xorti.

FC7 Kejl 1931mk

Din għandha tinqasam bejn il-kontendenti (mhux tiġi assenjata lill-konvenut Joseph) b'mod li kull wieħed jieħu 643.mk.

L-assenjazzjoni ta' kull biċċa għandha ssir bix-xorti.

**c. Strutturi**

X1 Garaxx valur €45,000

X3 5 imqajjel valur €20,000

X4 Kamra valur €30,000

Għalkemm dawn l-istrutturi għandhom valuri differenti l-uniku mezz kif tista' tinqasam it-tgawdija tagħhom hija bix-xorti, sakemm il-kontendenti ma jiftehmux bejniethom fuq mezz aħjar.

X2 Ir-razzett valur €120,000

Dan għandu jitgawda minn kull wieħed mill-kontendenti bl-esklużjoni tal-oħrajn għal perjodu ta' sitt xhur b'sistema ta' roster li għandu jittella' bil-polza. Matul is-sitt xhur li dak li jkun ikollu t-tgawdija tar-razzett, huwa għandu jagħmel manutenzjoni ordinarja a spejjeż tiegħu.

X5 Ġiebja

Din ma tteħditx in konsiderazzjoni mill-perit skont struzzjonijiet li ngħata mill-partijiet waqt l-aċċess. Għalhekk din il-Qorti ukoll mhix ser tqisha pero` jkun floku li kulħadd jagħmel użu minnha għall-bżonnijiet tiegħu.

**DECIDE**

36. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-konvenuti u tilqa' l-appell inċidentali tal-attur. Konsegwentement qiegħda tilqa' t-talbiet tal-attur sabiex jiġu maqsuma l-artijiet u l-istrutturi (li huma ndikati fuq il-pjanta Dok RM3 - fol 318), pero` limitatament għall-mod kif spjegat fil-paragrafu preċedenti. Id-diviżjoni tal-artijiet għandha ssir bi qsami (mhux bil-bini ta' ħitan diviżorji) li għandhom jsiru fil-post taħt id-direzzjoni u superviżjoni tal-perit tekniku. Tordna li d-diviżjonijiet bil-kundizzjonijiet su-indikati għandhom jiġu riflessi fuq skrittura privata bejn il-partijiet tranżuntata fl-atti tan-Nutar Annalise Micallef li din il-Qorti qed tikkonferma n-nomina tagħha għal dan l-iskop; qed tiġi ukoll ikkonfermata

n-nominat tal-avukat Dr Norma Vella Bardun bħala kuratur biex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-iskrittura imsemmija, liema skrittura għandha ssir fil-bini tal-Qorti fid-9 ta' Novembru, 2022, f'nofsinhar.

37. L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu mill-konvenuti, b'dan pero` li l-ispejjeż tal-perit tekniku li diġa' saru quddiem l-ewwel Qorti għandhom jinqasmu f'ishma ugwali bejn il-partijiet *stante* li kulħadd qed jieħu benefiċċju minn dak ix-xogħol.

38. Spejjeż tal-perit tekniku b'referenza għax-xogħol li għad għandu jsir, kif ukoll spejjeż biex isiru qsami fir-raba' għandhom jinqasmu f'ishma ugwali bejn il-partijiet.

39. L-ispejjeż tal-appell prinċipali tal-konvenuti, kif ukoll dawk tal-appell inċidentali tal-attur għandhom jitħallsu mill-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da